
1732
MANOEL
THEATRE
PELLEGRINI
514

Fl-okkażjoni taż-żjara f'Malta

ta'

l-Eċċellenza Tiegħu

# Il-Kurunell Muammar Gaddafi

President tar-Repubblika Għarbija tal-Libja

Il-Kumitat tat-Tmexxija tat-Teatru Manoel

jippreżenta

## SOIRÉE LYRIQUE

fit-Teatru Manoel

Il-Ħamis, 19 ta' Diċembru, 1974

# IL-GRUPP FOLKLORISTIKU NAZZJONALI "VIVA MALTA"

Dan il-grupp twaqqaf bl-inizjattiva personali ta' l-ex-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Kultura, is-Sinjorina Agatha Barbara, fl-1972. Il-grupp iħaddan 12-il koppja u fis-sentejn li ilu mwaqqaf żar ir-Renju Unit, l-Italja u l-Awstrja bħala sehem mill-kampanja ta' pubbliċità f'dawn il-pajjiżi mill-Bord tal-Gvern Malta għat-Turiżmu. F'Jannar 1975, mistenni jieħu sehem f'kampanja oħra bħal din fil-Ġermanja tal-Punent.

Minbarra ż-żeffiena, fil-Grupp hemm daqqaqa ta' strumenti tradizzjonali. F'ħafna okkażjonijiet, mal-Grupp jissieħeb ukoll il-grupp l-ieħor tal-kant folk "The Greenfields" li jakkompanja liż-żeffiena u jkanta mir-repertorju tal-mużika folkloristika Maltija. Dawn iż-żewġ gruppi ġew mistiedna biex jieħdu sehem fil-Festival Internazzjonali tal-Folklore f'Agrigento, fi Frar tas-sena d-dieħla.

Il-Grupp "Viva Malta" huwa mmexxi mill-koreografu George Zahra.

# PROGRAMM

## L-EWWEL TAQSIMA

| | | |
|---|---|---|
| *Overture* | PETER SCHMOLL | Weber |
| *Żfin mill-Grupp* | L-ILWIEN MALTIN<br>IMMORRU ŻEPP?<br>GĦANDEK ID-DUDA<br>ŻEPPI JGĦAJJAT "SUQ"! | |
| *Kitarristi u Għannej* | | Prim: Indri Brincat<br>Sekond: Ġużeppi Mangion<br>Għannej: Mikiel Abela |
| *Żfin mill-Grupp* | ŻMIEN IL-ĦSAD<br>IL-BALLATA TA' FUQ IL-BJUT | |
| *Kant* | "THE GREENFIELDS" | Joe Tanti<br>Carmen Tanti<br>Charles Bajada |
| *Żfin mill-Grupp* | L-GĦASIR TAL-GĦENEB | |
| *Strumenti Tradizzjonali* | IŻ-ŻAQQ U RUBBABA | |
| *Żfin mill-Grupp* | FESTA | |

| | | |
|---|---|---|
| *Il-Grupp taż-Żeffiena* | Vinc Zahra<br>Lilian Zahra<br>Adrian Amato Gauci<br>Oliver Xuereb<br>Joe Scicluna<br>Joseph Camilleri<br>James Brown | Connie Gatt<br>Renald Theuma<br>Stefany Borg Costanzi<br>Julla Conti<br>Felecity Carabott<br>Camilla Engerer<br>Loraine Engerer |
| *Jippreżenta* | Charles Coleiro | |
| *Koreografija u Direzzjoni* | George Zahra | |

---

**I N T E R V A L L**

---

## IT-TIENI TAQSIMA

| | | |
|---|---|---|
| *Overture* | THE LEGEND OF THE GLASS MOUNTAIN | Rota |
| *Silta minn* | IL-KAPPELLA TAL-PAĊI | |

Poema Sinfoniku ta' Anton Buttigieg
Mużika ta' Carmelo Pace

ĦEMDA
TIFKIRA TA' ŻMIEN IL-GWERRA
TALBA
INNU LIL MALTA ĠDIDA

L-ORKESTRA TAT-TEATRU MANOEL
taħt it-Tmexxija tas-Surmast Joseph Sammut
Prim Vjolin: George Spiteri
Bil-parteċipazzjoni tal-Kor ta' l-Iskola Sekondarja, Blata l-Bajda

**INNIJIET NAZZJONALI**




*Available from:*

Royal Pharmacy, Salus Pharmacy, Rosina Depares — Valletta.
Ta' Xbiex Pharmacy & Beauty Parlour, Testaferrata St., Msida.
St Anthony's Pharmacy Sliema. Melita Pharmacy, St Julians.


## IL-KAPPELLA TAL-PAĊI

Il-poema sinfoniku 'IL-KAPPELLA TAL-PAĊI' ta' Anton Buttigieg hija waħda mill-isbaħ xogħlijiet improvizzati tal-poeta. Anton Buttigieg ħa l-ispirazzjoni tiegħu għal dan ix-xogħol minn żjara li għamel sentejn ilu fil-Kappella tal-Laboratorju tal-Paċi "Papa Ġwanni Tlieta u Għoxrin" f'Ħal Far, imwaqqfa u mmexxija minn Patri Dijonisju Mintoff.

Dan il-poema, li nkiteb bi ħsieb f'moħħ il-poeta li jittella' fuq il-palk, isemmi u jiddeskrivi — fost oħrajn — tliet festi tradizzjonali Maltin: il-festa tar-raħal (dik ta' Santa Katerina fiż-Żurrieq); il-Karnival; u l-Imnarja. L-awtur fil-versi tiegħu jinqeda bix-xwejħa Katrin li f'xi waqtiet tiftakar dak kollu li għaddiet minnu f'ħajjitha: il-ħelu u l-morr fit-triq it-twila u iebsa tal-bniedem.

Carmelo Pace, wieħed mill-aqwa kompożituri li għandna, li kiteb ukoll l-opra "Caterina Desguanez" u "Angelika" kiteb il-mużika għal dan il-poema. Fil-kompożizzjoni tiegħu Pace qagħad attent li joħloq dejjem dak l-ambjent li jkun dieħel għalih il-poeta fix-xogħol tiegħu. Hekk wieħed jinnota l-ħemda tal-kampanja; l-għors tal-festi Maltin; u l-qlubija u d-dinjità ta' ġensha fl-Innu lil Malta.




**PROGRAMM GĦAL DIĊEMBRU FIT-TEATRU MANOEL**

## Maleth *Qerq jew Serq?!*

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġimgħa 20 ta' Diċ.<br>fis-7.00 p.m. | Is-Sibt 21 ta' Diċ.<br>fis-7.30 p.m. | Il-Ħadd 22 ta' Diċ.<br>fis-6.30 p.m. |

## Ariel Players *Snow White and the Seven Dwarfs*

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġimgħa 27 ta' Diċ.<br>fis-7.00 p.m. | Is-Sibt 28 ta' Diċ.<br>fis-2.30 u s-7.00 p.m. | Il-Ħadd 29 ta' Diċ.<br>fis-2.30 u s-7.00 p.m. |
| It-Tnejn 30 ta' Diċ.<br>fis-2.30 u s-7.00 p.m. | It-Tlieta 31 ta' Diċ.<br>fis-2.30 u s-7.00 p.m. | |